MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 50/2004/1

**Noel GRECH**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI TAR-REPUBBLIKA, ir-Reġistratur tal-Qrati u l-Kummissarju tal-Pulizija**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Diċembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li jiġi dikjarat li l-aġir tal-intimati fil-konfront tiegħu jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, partikolarment l-artikolu 39, u d-dispożizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 dwar smigħ xieraq u dan peress li s-smigħ tal-appell numru 159/2004 fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Noel Grech*" kellu jieqaf hekk kif l-Avukat Ġenerali rtira l-uniku aggravju fir-rikors tal-appell tiegħu u b'hekk bħala l-uniku rimedju ġust għall-esponenti jiġi dikjarat li għandha tibqa' fis-seħħ is-sentenza mogħtija

minn l-Ewwel Qorti u ċjoe' dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2004, u li tieħu dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta' Jannar, 2005, li biha qalu li l-azzjoni kienet waħda fiergħa, vessatorja u abbużiva għaliex kienet maħsuba biex isservi ta' appell minn sentenza fi grad ta' appell; qalu li t-talba m'hijiex waħda ċara billi ma tgħidx taħt liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kien qiegħed jissejjes l-ilment tar-rikorrent; qalu li r-rikorrent ingħata smigħ xieraq u ċaħdu li kien hemm xi nuqqas proċedurali li seta' jġib ma tiswiex is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-20 ta' Jannar, 2005, fejn l-intimat Reġistratur tal-Qrati eċċepixxa wkoll li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fil-15 ta' Frar, 2005, wara d-degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2005, li biha huwa fisser taħt liema dispożizzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa kien qiegħed isejjes l-ilment tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fl-1 ta' April, 2005[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-3 ta' Mejju, 2005[2];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll l-atti rilevanti tal-atti tal-appell numru 159/04JGD;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Mejju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Paġġ. 16-8 tal-proċess
[2] Paġġ. 21-5 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta li nkiser il-jedd fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq waqt is-smigħ ta' proċedura kriminali li kienet ittieħdet kontra tiegħu. Huwa jgħid li l-ksur seħħ għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sabitu ħati ta' reat fuq appell imressaq mill-Avukat Ġenerali minkejja li l-aggravju li fuqu kien imsejjes l-appell kien ġie rtirat mill-istess appellant;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li jikkaratterizzaw il-każ juru li fid-19 ta' Ġunju, 2004, ir-rikorrent (u persuna oħra) tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja mixli b'reati marbuta ma' prostituzzjoni. Ir-rikorrent stqarr l-akkużi miġjuba kontrih meta tressaq arrestat quddiem dik il-Qorti[3]. Reġa' tenna l-ammissjoni tiegħu waqt is-smigħ tal-15 ta' Lulju, 2004, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[4]. Dak inhar stess, dik il-Qorti tat is-sentenza[5]. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrati kienet imponiet sentenza ta' ħabs sospiża. B'nota mressqa fl-20 ta' Lulju, 2004, il-Kummissarju tal-Pulizija għarraf li kien sejjer jappella mis-sentenza, u fid-29 ta' Lulju, 2004, ressaq ir-Rikors tal-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi l-appell tqiegħed għas-smigħ għat-30 ta' Settembru, 2004, f'liema data tħalla għal jum ieħor minħabba li l-avukat difensur tal-appellat (ir-rikorrent f'din il-kawża) kien imsiefer. Fl-14 ta' Ottubru, 2004, saret it-trattazzjoni tal-appell. Waqt dak is-smigħ, l-appellant (l-Avukat Ġenerali) irrinunzja għall-ewwel aggravju. Iddikjara wkoll li kien għad fadal aggravju ieħor dwar in-nuqqas (mill-ewwel Qorti) li tagħti piena ta' ħabs effettiva għall-għamla ta' reat li bih kien mixli l-akkużat. Waqt l-istess smigħ, l-avukat difensur tal-akkużat issottometta li ma kien għad fadal l-ebda aggravju ieħor fir-rikors tal-appell. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza fit-28 ta' Ottubru, 2004. Din il-kawża nfetħet fis-17 ta' Diċembru, 2004;

---

[3] Paġ. 6 tal-atti 159/04
[4] Verbal paġ. 21 tal-atti 159/04
[5] Paġġ. 22-6 tal-atti 159/04

Illi jirriżulta li l-aggravju li fuqu l-Avukat Ġenerali bena l-appell fir-rikors tiegħu kien "ċar u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma setgħatx timponi piena sospiża ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, stante li waħda mill-akkużi u ċjoe' 2(a) abbinata mal-akkuża 2(ċ)[6] u ċjoe' assoċjazzjoni fi traffikar ta' persuni minn uffiċjal pubbliku timporta piena minima ta' tlett snin priġunerjia, i.e. sentejn miżjuda bi grad skond l-artikoli 248B u 114 tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk kellha tingħata piena karċerarja effettiva, kif, del resto, kien jixraq f'każ bħal dan ta' traffikar ta' nisa barranin għan fini ta' prostituzzjoni". Għalhekk, talab ir-riforma tas-sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija u l-għoti ta' piena karċerarja effettiva "għar-raġunijiet indikati u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jistgħu jirrisultaw fit-trattazzjoni tal-appell". Il-Qorti iċċitat dawn il-partijiet mir-rikors tal-appell għaliex fuqhom iddur il-kwestjoni kollha tal-ilment tar-rikorrent fil-każ preżenti;

Illi l-Qorti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, tibda l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> tal-każ billi tgħid li taqbel mal-intimati li l-funzjoni li din il-Qorti trid twettaq fl-istħarriġ tagħha tal-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m'għandux jissarraf f'appell ieħor mis-sentenza kontestata. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent ukoll. Din il-Qorti hija mogħtija s-setgħa li, f'każ ta' ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistħarreġ l-imġiba ta' kull Qorti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Iżda din is-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom[7]. Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u "skond il-liġi"[8];

Illi f'dan l-istadju l-Qorti jidhrilha li għandha tiċċita fehma ċara murija mill-Qorti Kostituzzjonali u li tagħti ħjiel tal-

---

[6] Waqt is-smigħ tal-14 t'Ottubru, 2004, din ir-riferenza ġiet mibdula għal "2(e)"
[7] P.A. Kost. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali et***
[8] P.A. Kost. VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

parametri safejn din il-Qorti tista' tibqa' sejra biex tistħarreġ allegat ksur ta' dritt fondamentali mwettaq minn Qorti oħra. Ingħad hekk:

"*Allaħares kellu jiġi ammess il-prinċipju illi r-rimedju għal meta, per eżempju Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tifhem ħażin il-liġi u tapplika u tinterpreta dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi penali oħra b'riżultat ta' liema dak li jkun jnistab ħati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta' rimedju minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq. Dan ikun jammonta għal interpretazzjoni kompletament novella pero' li qatt ma ġiet aċċettata anqas fi Strasbourg ta' x'verament ifisser id-dritt ta' smigħ xieraq. ..... Ċertament, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex preklużi milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, illi xi Qorti oħra tkun illediet xi wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-individwu - deċiżjonijiet li bħalhom ittieħdu diversi drabi kemm f'dak li jirrigwarda per eżempju liberta' provviżorja kif ukoll f'dak li jirrigwarda smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, fost każijiet oħra.*"[9];

Illi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li fuqu r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu[10] jistabilixxi r-regola bażilari li kull persuna mixlija b'reat kriminali għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li r-rikorrent ukoll isejjaħ favurih fl-ilment imressaq minnu, fl-ewwel sentenza tal-ewwel sub-inċiż tiegħu, juża l-istess kliem, imma jestendi r-regola tas-smigħ xieraq għal proċedimenti li jiddeterminaw xi jedd ċivili;

Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li persuna mixlija b'reat kriminali għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b'awtorita' mill-Qorti ta' Starsbourg li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita' li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu

---

[9] Kost **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Micallef vs Avukat Ġenerali et***
[10] Ara n-Nota tiegħu tal-15.2.2005, f'paġ. 13 tal-proċess

speċifikatament ma jsemmix[11]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għal smigħ fil-preżenza tal-imputat[12] u għal dak li huwa magħruf bħala l-prinċipju tal-"*equality of arms*"[13];

Illi bl-istess mod jingħad li għalkemm l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix jedd ta' appell minn sentenza tal-ewwel grad, jekk kemm-il darba Stat jagħżel li jinkorpora tali jedd fis-sistema ġuridiku tiegħu, allura l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika għal dik il-Qorti wkoll[14];

Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta ma' Qorti fi grad tal-Appell, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu (dak li huwa magħruf bħala "*the 'trial as a whole' approach*"[15]), magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[16]. Minbarra dan, biex jista' jingħad li jkun tassew seħħ ksur tal-artikolu 6 fl-ambitu ta' proċediment kriminali, irid jintwera (minn min jallega tali ksur) "preġudizzju attwali" mġarrab mid-difiża li jolqot b'mod irrimedjabbli il-każ tagħha;

Illi jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin[17] tqanqlet il-kwestjoni tal-parzjalita' ta' ġudikant bħala okkażjoni ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, kellu jintwera għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li, fil-każ partikolari, jkunu jirriżultaw flimkien żewġ kwalitajiet ta' parzjalita', jiġifieri dik suġġettiva u dik oġġettiva. B'tal-ewwel, wieħed jifhem id-dispożizzjoni u konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun, u, b'tat-tieni, jekk il-ġudikant li jkun kienx jagħti garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed suspett. Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa

---

[11] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3

[12] Ara ECHR **26.9.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Diennet vs France*** (Applik. Nru. 18160/91) par. 33-5

[13] Ara ECHR **17.1.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Delcourt vs Belgium*** (Applik. Nru. 2689/65) par 28; u **16.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rowe and Davis vs U.K.***(Applik. Nru. 28901/95) par 60-2

[14] Harris, O'Boyle & Warbrick, o*p. cit.*, paġ. 240

[15] ECHR **23.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanford vs U.K.*** (Applik. Nru. 16757/90) par 24

[16] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

[17] Ara Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali***

imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor[18], min jallega l-parzjalita’ ta’ ġudikant irid jipprova tali parzjalita’ fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b’inferenza jew sempliċi biżgħa[19];

Illi fil-każ preżenti, flimkien mal-ilment dwar il-ksur ta’ smigħ xieraq kif imfisser fil-qafas kollu tar-rikors promotur, ir-rikorrent jagħmel riferenza għaċ-ċirkostanza fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ħalliet li ssir it-tiswija tar-rikors tal-appell tal-intimat Avukat Ġenerali, fis-sens li bidlet riferenza għall-artikolu partikolari tal-att tal-akkuża li fuqha l-prosekuzzjoni kienet sejset l-aggravju tagħha. Ir-rikorrent jixli lil dik il-Qorti b’atteġġament differenti minn dak li s-soltu hija tieħu meta bidla bħal dik tintalab minn appellant li ma jkunx il-Prosekuzzjoni;

Illi dwar dan ikollu jingħad li m’huwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta’ imparzjalita’ jissemma bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista’ jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li l-eżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, sata’ ma kienx imparzjali. Imma dan m’huwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta’ ċirkostanza ta’ imparzjalita’ jew ta’ smigħ xieraq. Kif ingħad mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f’deċiżjoni li kienet tirrigwarda l-aspett ta’ smigħ xieraq f’dak li għandu x’jaqsam ma’ mġiba fis-smigħ ta’ kawża (*conduct of proceedings*): “*The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified*”[20];

Illi, għal dak li jirrigwarda t-test suġġettiv, ingħad li m’għandu jkun hemm l-ebda dubju jew illużjoni li l-prova

[18] ECHR **23.6.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***LeCompte, van Leuven and De Meyere vs Belgium*** (Applik. Nru. 6878/75) par 58

[19] Harris, O’Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 235

[20] ECHR **19.4.1993** fil-kawża ***Kraska vs Switzerland*** (Applik. Nru. 13942/88) par 32; u ara wkoll ECHR **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Piersack vs Belgium*** (Applik. Nru. 8692/79) par 30; u ECHR **24 .5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Hauschildt vs Denmark*** (AppliK. Nru. 10486/83) par 46-8

tal-imparzjalita' suġġettiva tal-ġudikant m'hijiex waħda faċli li titwettaq għal min jallegaha[21]. Imma b'danakollu, hija prova li trid issir u ssir fil-grad lil hinn minn sempliċi konġettura jew suspett;

Illi jidher li r-rikorrent iqis li l-fatt li l-Avukat Ġenerali irtira l-ewwel aggravju tiegħu kien jikkostitwixxi ċirkostanza fejn l-akkuża pendenti kontrih ġiet effettivament irtirata, u għalhekk, ma kienx għad hemm aktar akkużi pendenti kontrih. Is-sejbien ta' ħtija tiegħu fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sejba bla bażi. Ir-rikorrent iqis li triq waħda kellha miftuħa quddiemha dik il-Qorti minn hemm 'il quddiem, u jiġifieri li tqis l-appell bħala rinunzjat u tikkonferma l-qagħda li nħolqot bis-sentenza tal-ewwel Qorti;

Illi minn qari tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet f'din il-kwestjoni, jidher li huwa fuq kollox meħtieġ li jiġi stabilit x'kien l-aggravju (jew, skond l-intimati, x'kienu l-aggravji) li dwaru l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan qiegħed jingħad għaliex il-qofol tal-kwestjoni kollha hija jekk kienx hemm aktar minn aggravju wieħed fl-appell li kien tressaq mill-intimat Avukat Ġenerali mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, jew, jekk kien hemm aggravju wieħed biss, jekk allura kienx għad fadal aktar x'isir fl-appell ladarba l-aggravju kien ġie irtirat waqt it-trattazzjoni. Sussidjarjament, irid jiġi mistħarreġ jekk l-aggravju kienx tassew irtirat;

Illi meta wieħed jifli l-verbal magħmul fl-14 ta' Ottubru, 2004, waqt is-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, isib li filwaqt li jingħad li l-avukat Barbara (li kien qiegħed jidher għall-appellant) kien qed "jirrinunzja għall-ewwel aggravju", fl-istess waqt "jiddikjara li t-tieni u issa l-uniku aggravju huwa li l-piena li ngħatat ma kinitx tixraq f'każ bħal dan ta' nisa barranin u għalhekk qed jissottometti li l-piena kellha tkun piena karċerarja effettiva". Min-naħa l-oħra, meta wieħed jaqra r-rikors tal-appell, sewwasew f'dik il-parti fejn jissemmew l-aggravji (kif il-liġi tgħid li jrid

---

[21] Ara ECHR **9.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Sander vs U.K.*** (Applik. Nru. 34129/96) par 25-34

isir għas-siwi ta' rikors tal-appell[22]) **jidher li jissemma biss aggravju wieħed** li l-qofol tiegħu huwa l-ilment tal-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati, fiċ-ċirkostanzi li irriżultaw mill-atti, ma setgħetx tagħti piena ta' ħabs sospiża, imma messha tat piena ta' ħabs effettiva. B'żieda ma' dan, is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet f'analiżi ta' jekk l-appell kienx imressaq mill-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodiċi Kriminali jew hux taħt l-artikolu 413(1)(ċ) tal-istess;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li fir-rikors tal-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali semma li kien qiegħed jappella taħt l-artikolu 413(1)(ċ) u 413(1)(b)(iii) **f'din l-ordni** kien, fis-sewwa qiegħed juri kemm il-bażi legali li tatu s-setgħa jressaq l-appell ("*enabling provision*") u kif ukoll in-natura ta' l-aggravju fih innifsu, liema aggravju (li għall-appellant kien ċar u manifest) jitfisser aktar 'il quddiem fil-korp tar-rikors. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari b'riferenza għall-artikolu 413(1)(b)(iii) msemmi. Kienet tkun ħaġa għal kollox differenti, fil-fehma tal-Qorti, kieku l-appellant semma biss l-artikolu 413(1)(ċ) li hija sempliċi riferenza għas-setgħa ġenerali ta' appell mogħtija lill-Avukat Ġenerali;

Illi huwa stabilit li l-fatt li l-Avukat Ġenerali jkollu dritt "ġenerali" jew "awtomatiku" ta' appell (jiġifieri mhux dritt ta' appell kif imsemmi fl-artikolu 413(1)(b) tal-Kap 9) ma jeħlisx lill-istess appellant milli jispeċifika u jfisser ir-raġunijiet tal-appell tiegħu. Minbarra f'hekk, hekk kif jiġu speċifikati r-raġunijiet li fuqhom jinbena l-appell, "l-appellant ikun marbut b'dik ir-raġuni jew b'dawk ir-raġunijiet fis-sens li tkun biss dik ir-raġuni jew dawk ir-raġunijiet li jistgħu jiġu konsidrati mill-Qorti tal-Appell, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistgħu jitqiesu li huma kompriżi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif speċifikati" [23]. Minbarra dan, aggravju ġenerali ta' appell jitqies bħala "devoluttiv ta' aggravji oħra li jista' jkun ma jkunux ġew speċifikati fir-rikors tal-appell u li tqajjmu fit-trattazzjoni orali. Purche' l-parti l-oħra jkollha l-opportunita' li tittratta fi żmien utli wara li tkun ippreparat

[22] Art. 419(1)(b) tal-Kap 9
[23] App. Krim, **3.9.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Darren Attard***

ruħha għal tali aggravju ġdid, m'hemm xejn xi jżomm lill-Qorti (tal-Appell) milli tinvesti l-istess aggravju u tiddeċidih"[24];

Illi jrid jingħad ukoll li l-verbali ta' kawża jitqies li juru dak li seħħ waqt is-smigħ u għandhom jittieħdu li saru sewwa[25], u sakemm parti ma tirreġistrax ilment jew oppożizzjoni għal dak li jiġi verbalizzat (imqar jekk permezz ta' att ġudizzjarju mressaq fl-atti tal-kawża) dik il-preżunzjoni għandha titqies li baqgħet fis-seħħ;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li filwaqt li l-Avukat Ġenerali iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għall-**ewwel** aggravju, għadda biex itenni li kien qiegħed iżomm ferm it-tieni aggravju u fisser fiex dan kien jikkonsisti. Meta wieħed jara dan il-**verbal tas-smigħ fit-totalita' tiegħu** wieħed jasal biex jifhem li l-appellant kien qiegħed jirrinunzja biss għall-aggravju maħsub taħt l-artikolu 413(1)(ċ) u mhux dak taħt l-artikolu 413(1)(b)(iii). Dan jingħad għaliex huwa l-artikolu 413(1)(ċ) li jissemma l-ewwel filwaqt li l-artikolu 413(1)(b)(iii) jissemma t-tieni u jitfisser fil-paragrafu tar-rikors li jfisser l-aggravji. Fi kliem ieħor, u salv kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, il-Qorti ma tistax tagħti affidament għall-argument tar-rikorrent fis-sens li meta l-appellant irrinunzja għall-ewwel aggravju, kien qiegħed jirrinunzja għall-aggravji kollha li kien hemm, għaliex it-tifsira tal-aggravju li għaliha huwa jirreferi kienet estensjoni tal-artikolu tal-liġi li dwaru rinunzja ma saritx. Li kieku wieħed jirraġuna fis-sens li qiegħed jargumenta r-rikorrent, ikun ifisser li jew il-verbal tas-smigħ huwa wieħed assurd jew, fl-aħjar ipotesi, wieħed li jwaqqa' lilu nnifsu, billi fl-istess nifs li saret rinunzja saret tennija ta' dak li kien fadal. Dak li kien fadal x'jitqies kien jekk l-ewwel Qorti kinitx għamlet sewwa li ma tatx piena effettiva ta' ħabs wara s-sejbien ta' ħtija;

Illi l-Qorti tqis li, wara li l-avukat difensur ivverbalizza li, skond il-fehma tal-appellat, ma kien għad fadal aktar x'isir mill-appell tal-Avukat Ġenerali, l-istess verbal ikompli jgħid

[24] App. Krim. **30.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Cuċċiardi et***
[25] P.A. Kost TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et***

li "l-Qorti semgħet it-trattazzjoni u tiddiferixxi kawża għas-sentenza in difett ostakolu";

Illi madankollu, meta wieħed jaqra s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jintebah li dik il-Qorti stħarrġet il-kwestjoni ta' jekk kienx minnu jew le li kien għad fadal aktar aggravji x'jitqiesu. Ma jistax, għalhekk, jingħad li ma tatx widen għal dan il-punt verbalizżat mid-difensur tal-appellat u baqgħet għaddejja daqslikieku ma kien sar l-ebda verbal. Iżda mbagħad toħroġ ċirkostanza partikolari li jidher li tibdel ix-xejra tad-deliberazzjoni kollha li dik is-sentenza tieħu. Din il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Appell Kriminali, meta stħarrġet iż-żewġ aggravji tal-Avukat Ġenerali, kienet kategorika biex tgħid li appell taħt l-artikolu 413(1)(b)(iii) ma seta' qatt jitressaq mill-Avukat Ġenerali, imma seta' jitressaq biss appell taħt l-artikolu 413(1)(ċ). Minn hemm għaddiet biex tistħarreġ l-appell fuq l-aggravju fil-mertu. Iżda, kif ingħad qabel, meta l-Avukat Ġenerali iddikjara li huwa kien qiegħed jirrinunzja għall-ewwel aggravju, kien qiegħed jirrinunzja għall-aggravju taħt l-artikolu 413(1)(ċ), għaliex, kif rajna qabel, **dan kien l-ewwel aggravju msemmi** fil-korp tar-rikors tal-appell. Jekk inhu hekk, allura waħdu joħroġ li t-tieni aggravju kien dak imsemmi skond l-artikolu 413(1)(b)(iii). Fi kliem ieħor, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha timxi ma' dak li ġie verbalizżat waqt is-smigħ tal-14 ta' Ottubru, 2004, kien fadlilha biss l-aggravju taħt l-artikolu 413(1)(b)(iii) x'tistħarreġ, sewwasew dak l-artikolu li hija qalet li l-Avukat Ġenerali ma setax jappella taħtu. Minflok, għal xi raġuni li ma toħroġx mill-korp tas-sentenza tagħha, hija qalbet l-ordni tal-aggravji kif imsemmija fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali. Dan il-fatt, mad-daqqa t'għajn, iġib konflitt bejn dak li ġie verbalizżat u dak li ġie deliberat fis-sentenza impunjata;

Illi l-Qrati tagħna, f'materja ta' smigħ xieraq, żammew li "mhux kull żball proċedurali fi proċeduri kriminali iġib, bħala konsegwenza, li ma jkunx hemm smigħ xieraq. Biex wieħed jasal għal din il-konklużjoni dak l-iżball irid ikun tali li poġġa lill-akkużat fi żvantaġġ b'mod li ma setax jagħmel id-difiża tiegħu kif suppost, kif ukoll li dak l-iżball, jew il-konsegwenza tiegħu, ikun inċida b'mod sostanzjali

biex l-akkużat ikun instab ħati”[26]. Minn dak li jirriżulta minn dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher li seħħ żball li ma kienx fis-setgħa tar-rikorrent Grech li jikkontrolla jew jirranġa qabel ma ngħatat is-sentenza impunjata, u wkoll li ġabu fi żvantaġġ. Fuq kollox, kien żball li għalih ir-rikorrent ġarrab tgħarriq fil-qagħda tiegħu mill-piena li kien ingħata mill-ewwel Qorti;

Illi għal din il-Qorti, u fiċ-ċirkostanzi kollha li tfissru aktar qabel, tali żball jikkostitwixxi tassew każ ta’ ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif maħsub kemm taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi minħabba fil-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti, ma jidhrilhiex li jeħtiġilha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegazzjoni tiegħu li l-bidla li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħalliet li ssir fil-korp tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali jikkontrasta ma’ dak li dik l-istess Qorti tagħmel meta t-talba simili ssir minn parti appellanti li ma tkunx il-prosekuzzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu ta’ smigħ xieraq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-28 ta’ Ottubru, 2004, fl-atti tal-Appell Numru 159/04JDG fl-ismijiet “*Il-Pulizija (Spettur R. Aquilina u A. Mallia) vs Noel Grech*”, u dan wara li l-Avukat Ġenerali kien irtira wieħed mill-aggravji mressqin minnu fl-appell minnu interpost;

**Tordna** t-tħassir tal-imsemmija sentenza u t-tqegħid tar-rikorrent fl-istat li kien meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 ta’ Lulju, 2004; u

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu l-ispejjeż ta’ din il-kawża.

---

[26] Kost. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------